MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Numru 1057/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**
**VS**
**VEHBI AYGUN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Vehbi Aygun, ta' 32 sena, iben Ismail u Gulizar nee' Yyurttas, imwieled Turkija fil-5 ta' Dicembru, 1976, residenti 20, Glenys, Triq in-Nissieg, Naxxar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 28201A

Illi huwa akkuzat talli fit-8 ta' Ottubru 2009 u fil-gimghat ta' qabel gewwa l-Marsa, impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kinitx persuna ezenti u li ma kelliex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fit-8 ta’ Ottubru 2009, u fil-gimghat ta’ qabel bhala persuna responsabbli ta’ l-istabiliment Ker Grill fi Triq il-Labour, Marsa, impjega persuna li ma kienx cittadin ta’ Malta meta dan il-persuna ma kellux permess validu u ufficjali;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fit-8 ta’ Ottubru 2009, u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, bhala l-principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra, *full-time*, *part-time* jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lil Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993. (3a sa 10)

Ghaldaqstant nitlob li dan il-akz jigi nvestigat skond il-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat, Vehbi Aygun, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 3 sa 10 ta’ l-Avviz Legali 110 tan-1993 taht il-Kap.217 tal-

Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal multa ta’ Euro 1164.67 li ghandhom jithallsu b’rati mensili fi zmien sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------